MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Talba Numru. 125/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**Annunziata Micallef**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz prezentat fis-17 ta' Frar, 2006 forza ta' liema gie mitlub illi l-konvenuta fejn thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbgha mija u hamsa u disghin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm495.45) rapprezentanti kontijiet u servizzi in konnessjoni man-numru tat-telefon 2167 2392 qabel bin-numru 772392.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata bl-avviz u t-talba fit-28 ta' Frar, 2006 baqghet ma pprezentat ebda risposta.

Ghaldaqstant it-Tribunal sema’ x-xhud Dr Keith Grech jaghmel dikjarazzjoni solenni illi l-ammont ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

It-Tribunal ghalhekk jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenuta thallas lil istess socjeta’ attrici s-somma kif rikjesta ta’ erbgha mija u hamsa u disghin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm495.45) bl-imghaxijiet dekorribli mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz u bl-ispejjez minn din l-istanza a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------